# JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2000

Educational Assessment Unit - Education Division

**FORM 1** **History** **TIME : 1hr 30min**

Name: ____________________________ Class: _____________

1.



Sors: 1



Sors: 2



Sors: 3

> " F'ħafna każi nstabu fil-viċin rjus separati meta ġew skoperti l-istatwi. Jidher li kienu magħmula hekk ħalli l-irjus ikunu jistgħu jinbidlu u jidħlu fit-toqob magħmula apposta fl-istatwi. Kien hemm min issuġġerixxa li r-ras hija l-itqal parti biex tagħmilha sew. L-artist pre-istoriku sab mod kif isalva x-xogħol li għamel f'każ ta' żball, ħalli ma jkollux għalfejn jerġa' jibda mill-bidu."

Sors: 4

Enix (1998)
*The Prehistoric Temples of Malta and Gozo, p.9.*

1.1 Sib xi ħaġa li hi simili f'sors 1 u sors 2.

_____________________________________________________________

1.2 Sib xi ħaġa li hi differenti f' sors 1 u sors 2.

_____________________________________________________________

1.3 a) X'qed jgħidilna sors 4 dwar ir-raġuni li kienu jagħmlu l-irjus separati mill-bqija ta' l-istatwa?

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________

b) Għaliex taqbel jew ma taqbilx ma' din ir-raġuni?

_____________________________________________________________

_____________________________________________________________

1.4 Xi kwalita' ta' żball seta' jieħu l-artist waqt li qed jaħdem? (Sors 4)

______________________________________________________________________

______________________________________________________________________

1.5 Liema minn sorsi 1, 2 u 3 ma jaqbilx ma' sors 4 dwar ir-ras u l-kumplament ta' l-istatwa? ______________________________________________________________

1.6 X'juru l-istatwi dwar is-sengħa ta' min ħadimhom?

______________________________________________________________________

1.7 Sib kelma f'sors 4 li turi apprezzament tal-kittieb għal min kien jaħdem l-istatwi.

______________________________________________________________________

1.8 Minn sors 3 u 4 x'tista' tikkonkludi dwar il-materjal li minnu kienu magħmula l-istatwi? ______________________________________________________________

1.9 Lil min taħseb li jirrappreżentaw l-istatwi f'sorsi 1, 2, u 3?

______________________________________________________________________

1.10 Ta' liema sess taħseb li hija l-figura rrappreżentata bl-istatwi? ________________

1.11 Semmi xi maqdes megalitiku li fih instabu statwi bħal ta' Sors 1 u 2.

______________________________________________________________________

1.12 Għala mqades bħal dawn insejħulhom megalitici? _________________________

______________________________________________________________________

(26 marka)

---

2 Għal liema nies/popli joqogħdu d-deskrizzjonijiet li ġejjin:

2.1 Ħallew warajhom id-dolmen u l-menħir; lill mejtin tagħhom kienu jaħarquhom.

__________________________________________________________.

2.2 Mal-miġja tagħhom spiċċat il-pre-istorja f'Malta; kienu baħħara u negozjanti; specjalisti fid-drapp.

__________________________________________________________

2.3 L-aktar fdal importanti li ħallew dawn huma ċ-Ċippi; Annibale kien wieħed minnhom.

______________________________________________

2.4 Dan il-poplu beda l-logħob Olimpiku; Żews kien alla ewlieni tagħhom; fuq l-għolja (Acropolis) bnew l-isbaħ tempju — il-pantenon.

______________________________________________

2.5 Kienu gwerriera tajbin; bnew imperu madwar il-Mediterran kollu; ħadu lil Malta matul it-tieni gwerra Punika.

______________________________________________

2.6 Fi ħdan dan il-poplu twieled Ġesu' Kristu; poplu tat-Testment il-Qadim li ħareġ min-nisel ta' Abraham.

______________________________________________

2.7 Il-belt kapitali ta' dawn in-nies kienet Kostantinopli; Malta kienet tagħhom wara l-waqgħa ta' l-imperu Ruman tal-Punent; Bieb il-Griegi fl-Imdina jfakkarna f'dawn in-nies.

______________________________________________

2.8 Addottaw it-tagħlim ta' Muhammad; bnew imperu, ħakmu fuq Malta għal bosta snin, ħallew marka li ma titħassar qatt fuq il-lingwa Maltija.

______________________________________________

16 -il marka)

---

3. Ikteb sentenza b'kull waħda mill-kliem jew frażijiet li ġejjin ħalli turi li taf l-importanza tagħhom fl-istorja, ara li fis-sentenza jkollok żewġ punti tajbin.

3.1 Il-Ġgantija ______________________________________________

______________________________________________

3.2 L-ispiralli ______________________________________________

______________________________________________

3.3 L-oraklu ______________________________________________

______________________________________________

3.4 Tas-Silġ f'Marsaxlokk ______________________________________________

______________________________________________________________

3.5 Knossos ______________________________________________________

______________________________________________________________

3.6 L-Atti ta' l-Appostli ______________________________________________

______________________________________________________________

3.7 Is-siġra taċ-Ċedru ________________________________________________

______________________________________________________________

3.8 Kartaġni ______________________________________________________

______________________________________________________________

3.9 San Pawl ______________________________________________________

______________________________________________________________

3.10 Ruma ________________________________________________________

______________________________________________________________

(20 marka)

---

4. Wieġeb dawn id-domandi:

4.1 Fejn f'Malta nsibu l-akbar numru ta' katakombi? ______________________

4.2 Semmi post ieħor fejn isibu katakombi? ______________________________

4.3 Xi tfisser il-kelma katakombi? ______________________________________

4.4 Għalfejn kienu jintużaw il-katakombi? ________________________________

______________________________________________________________

4.5 Ta' liema reliġjon huma s-simboli li nsibu fil-katakombi ta' Malta?

______________________________________________________________

4.6 Semmi tip wieħed ta' qabar li nsibu fil-katakombi ta' Malta?

______________________________________________________________

4.7 Għaliex lill-katakombi għandna nqisuhom bħala sors primarju?

______________________________________________________________

4.8 Semmi sors primarju ieħor li tgħallimt fuqu matul is-sena.

______________________________________________________________

4.9 Semmi x'inhu sors sekondarju. ____________________________________

______________________________________________________________

(18 -il marka)

---

5. Agħżel 5.1 jew 5.2 jew 5.3 u weġibha fit-tul fuq karta separata.

5.1 a) Min kienu l-Għarab?

b) X' kellhom x'jaqsmu ma Malta?

ċ) Xi fdalijiet għandna tagħhom?

d) X' effett ħallew fuq il-lingwa tagħna?

5.2 a) F' liema perjodu ta' żmien ħakmu fuq Malta r-Rumani?

b) X'tip ta' gvern kellhom fil-gżejjer tagħna?

ċ) Semmi xi fdalijiet li għad fadlilna ta' żmien ir-Rumani?

d) Kif inqered l-imperu Ruman?

5.3 Semmi post arkeoloġiku/storiku li fih għamilt żjara marul din is-sena.

a) X' jismu l-post? Agħti deskrizzjoni ħafifa tiegħu.

b) Min kien bena dan il-post u għal liema raġuni? Kif jintuża llum?

ċ) Xi stat jinsab fih illum dan il-post?

d) X'tgħallimt miż-żjara li għamilt?

(20 marka)

---